**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta' Awwissu 2010**

**dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5780)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/472/UE)

(ĠU L 228, 31.8.2010, p. 74)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/411/UE tas-17 ta' Lulju 2012 | L 192 | 16 | 20.7.2012 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013 | L 158 | 74 | 10.6.2013 |
| ►M3 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/470/UE tal-20 ta' Settembru 2013 | L 252 | 32 | 24.9.2013 |
| ►M4 | Deċiżjoni ta' 2014/802/UE Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Novembru 2014 | L 331 | 28 | 18.11.2014 |
| ►M5 | Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2002 tat-8 ta' Novembru 2016 | L 308 | 29 | 16.11.2016 |

Kkoreġuta minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 331, 1.12.2012, p. 57 (2012/411/UE)

▼B

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-26 ta' Awwissu 2010**

**dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni**

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 5780)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/472/UE)

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinji ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina.

Din tistabbilixxi rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' dawk il-prodotti fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Importazzjonijiet tas-semen**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' semen ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina sakemm dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew partijiet mit-territorju tiegħu elenkat fl-Anness I;

(b) ikunu ġejjin minn ċentru ta' ġbir jew ħażna tas-semen approvat elenkat skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE;

(c) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa li ġejjin, stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II, u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness:

   (i) mudell 1 kif stabbilit fit-Taqsima A, għall-kunsinji ta' semen mibgħuta minn ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen;

   (ii) mudell 2 kif stabbilit fit-Taqsima B, għall-kunsinji ta' semen mibgħuta minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat.

   Madankollu, fejn hemm stabbiliti rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni speċifiċi fi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi, dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw.

(d) ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fiċ-ċertifikati tas-saħħa msemmija fil-punt (c).

*Artikolu 3*

**Importazzjonijiet tal-ova u l-embrijuni**

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' kunsinji ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina sakemm dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew partijiet mit-territorju tiegħu elenkat fl-Anness III;

▼B

(b) ikunu ġejjin minn tim ta' ġbir jew produzzjoni ta' embrijuni approvat skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE;

(c) ikunu akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa mfassal skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness IV, u mimli skont in-noti ta' spjegazzjoni stipulati fil-Parti 1 ta' dak l-Anness.

Madankollu, fejn hemm stabbiliti rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni speċifiċi fi ftehimiet bilaterali bejn l-Unjoni u l-pajjiżi terzi, dawk ir-rekwiżiti għandhom japplikaw.

(d) ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fiċ-ċertifikat tas-saħħa msemmija fil-punt (c).

*Artikolu 4*

**Kundizzjonijiet ġenerali dwar it-trasport ta' kunsinji ta' semen, ova u embrijuni lejn l-Unjoni**

1. Il-kunsinji ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina, ma għandhomx jiġu trasportati fl-istess kontenitur bħal kunsinji oħra ta' semen, ova u embrijuni li:

(a) mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni, jew

(b) huma ta' status ta' saħħa inferjuri.

2. Waqt it-trasport lejn l-Unjoni Ewropea, il-kunsinji ta' semen, ova u embrijuni għandhom jitpoġġew f'kontenituri magħluqa u ssiġillati u s-siġill ma għandux jinkiser waqt it-trasport.

*Artikolu 5*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2008/635/KE hija revokata.

*Artikolu 6*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

Għal perjodu tranżitorju sal-31 ta' Awwissu 2011, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' stokkijiet tal-prodotti li ġejjin:

(a) semen ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina li nġabar, ġie pproċessat u maħżun skont id-Direttiva 92/65/KEE sal-31 ta' Awwissu 2010 u li hu akkumpanjat b'ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011 skont il-mudell stipulat fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2008/635/KE.

(b) ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina li nġabru, ġew ipproċessati u maħżuna skont id-Direttiva 92/65/KEE sal-31 ta' Awwissu 2010 u li huma akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011 skont il-mudell stipulat fl-Anness VI tad-Deċiżjoni 2008/635/KE.

*Artikolu 7*

**Applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Settembru 2010.

▼B

*Artikolu 8*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

*ANNESS I*

**Lista ta' pajjiżi terzi u partijiet tagħhom li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-kunsinni tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ovina u kaprina**

| Kodiċi ISO | Isem il-pajjiż terz | Rimarki | |
|---|---|---|---|
| | | Deskrizzjoni tat-territorju (*jekk xieraq*) | Garanziji addizzjonali |
| AU | L-Awstralja | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja. |
| CA | Il-Kanada | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja. |
| CH | L-Isvizzera ([1]) | | |
| CL | Iċ-Ċilì | | |
| GL | Greenland | | |
| ▼M2 ___ | | | |
| ▼M1 IS | L-Islanda | | |
| NZ | In-New Zealand | | |
| PM | Saint Pierre u Miquelon | | |
| US | L-Istati Uniti | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja. |

([1]) Ċertifikati b'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli kif approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1).

▼B

*ANNESS II*

PARTI 1

**Noti ta' spjegazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni**

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur, skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness II.

Jekk l-Istat Membru destinatarju jitlob rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni addizzjonali, l-attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li dawk ir-rekwiżiti huma sodisfatti għandhom jiġu inkorporati wkoll fil-formola oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa.

(b) L-oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun magħmul minn folja waħda, jew, fejn ikun meħtieġ aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.

(c) Fejn il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jgħid li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif xieraq, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti, jistgħu jinqatgħu u jitniżżlu l-inizjali u t-timbru mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, jew jitħassru kompletament miċ-ċertifikat.

(d) Iċ-ċertifikat ta' saħħa għandu jitħejja f'mill-inqas waħda mill-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-istazzjon ta' spezzjoni tal-fruntiera ta' introduzzjoni tal-kunsinja fl-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Madanakollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li ċ-ċertifikat jitħejja bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor u jekk meħtieġ ikun akkumpanjat minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti tal-kunsinja (skeda fil-Kaxxa I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa), jiġu mehmuża folji addizzjonali maċ-ċertifikat tas-saħħa, dawn il-folji għandhom jitqiesu wkoll li jiffurmaw parti miċ-ċertifikat oriġinali tas-saħħa bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-uffiċjal li jiċċertifika, fuq kull paġna.

(f) Meta ċ-ċertifikat tas-saħħa, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija f'(e), ikun fih aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun innumerata (numru tal-paġna) ta' (numru totali ta' paġni), fil-qiegħ tal-paġna u għandu jkollu n-numru ta' ċertifikat ta' referenza li ngħata mill-awtorità kompetenti fuq nett tal-paġni.

(g) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat ta' saħħa għandha timtela u tiġi ffirmata minn veterinarju uffiċjali fl-aħħar jum tax-xogħol qabel issir it-tagħbija tal-kunsinja għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE [1] jiġu segwiti.

Il-lewn tal-firma u tat-timbru tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak tat-tipa stampata fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. L-istess regola tapplika għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati jew bil-marka tal-ilma.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jakkumpanja l-kunsinja sakemm tasal fl-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea.

(i) In-numru ta' ċertifikat ta' referenza msemmi fil-Kaxxa I.2 u l-Kaxxa II.a tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur.

[1] ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

▼B

PARTI 2

**Mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinji tas-semen ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina**

▼M5

**Taqsima A**

MUDELL 1 – Ċertifikat tas-saħħa għas-semen mibgħut minn ċentru tal-ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Konsenjatur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Tel. | | I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Konsenjatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Tel. | | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Tel. | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini | Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini | Kodiċi |
| | | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni | Kodiċi ISO |
| | | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni | Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br><br>Isem<br>Indirizz<br>Isem<br>Indirizz<br>Isem<br>Indirizz | Numru tal-approvazzjoni<br><br>Numru tal-approvazzjoni<br><br>Numru tal-approvazzjoni | I.12. Post tad-destinazzjoni<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz tat-trasport<br><br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. BIP tad-dħul fl-UE | |
| | | I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-komodità | | I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi SA)<br>**05 11 99 85** | |
| | | I.20. Kwantità | |

▼**M5**

| I.21. | I.22. Għadd ta' pakketti |
|---|---|
| I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur | I.24. |
| I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:<br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br>Pajjiż terz Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ |

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

| Speċi (Isem xjentifiku) | Razza | Identità tad-donatur | Data tal-ġbir | Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru | Kwantità |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

▼M5

**PAJJIŻ** **Semen ta' ovini u kaprini - Taqsima A**

| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. **Nru ta' referenza taċ-ċertifikat** | II.b. |
|---|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Il-pajjiż esportatur .....
*(l-isem tal-pajjiż esportatur)* ([2])

II.1.1. kien ħieles mill-pesta bovina, il-pesta tal-annimali ruminanti żgħar, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-plewropulmonite kaprina li tittieħed u d-deni tal-Wied tar-Rift matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tad-dispaċċ tiegħu lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dak il-mard matul dak il-perjodu;

II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra din il-marda matul dak il-perjodu.

II.2. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Kaxxa I.11. u li fih inġabar u nħażen is-semen li jrid jiġi esportat:

II.2.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen stipulati fil-Kapitolu I(I)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.2. huwa operat u sorveljat skont il-kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċentri tal-ġbir tas-semen u ċ-ċentri ta' ħażna stipulati fil-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.

II.3. L-annimali ovini ([1])/kaprini ([1]) li qegħdin fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.3.1. qabel ma jinżammu fil-post tal-kwarantina deskritt fil-punt II.3.3,

([1]) ([4]) *jew* [II.3.1.1. joriġinaw mit-territorju deskritt fil-Kaxxa I.8., li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża (*B. melitensis*),]

([1]) *jew* [II.3.1.1. kienu ta' azjenda li kisbet u żammet l-istatus tagħha ta' uffiċjalment ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*)) skont id-Direttiva 91/68/KEE,]

([1]) *jew* [II.3.1.1. joriġinaw minn azjenda, fejn fir-rigward tal-bruċelloża (*B. melitensis*), l-annimali suxxettibbli kollha kienu ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjal ieħor ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda wieħed mill-annimali ovini u kaprini ma ġie mlaqqam kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma bil-vaċċin Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha ta' aktar minn sitt xhur kienu sottoposti għal mill-anqas żewġ testijiet ([3]), imwettqa b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda fi ..... (*data*) u fi ..... (*data*) mill-anqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin, l-aħħar wieħed fi żmien 30 jum qabel id-dħul fil-post tal-kwarantina,]

*u* ma kinux inżammu qabel fi stabbiliment ta' status inferjuri;

II.3.1.2. kienu nżammu b'mod kontinwu għal mill-anqas 60 jum f'azjenda fejn ma ġie dijanjostikat l-ebda każ ta' epididimite li tittieħed (*Brucella ovis*) fl-aħħar 12-il xahar,

([1]) *u* [huma annimali tal-ispeċi ovina li matul is-60 jum ta' qabel ma nżammu fil-post tal-kwarantina deskritt fil-punt II.3.3 għaddew minn test ta' fissazzjoni komplementari, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti, biex tiġi identifikata epididimite li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 ICFTU/ml;]

II.3.1.3. safejn naf jien, mhumiex ġejjin minn azjendi, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' azjenda, li, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mard li ġej kienet klinikament ikkonfermata fil-perjodi msemmija fil-punti (a) sa (d) qabel iż-żamma tagħhom fil-post tal-kwarantina deskritt fil-punt II.3.3.

(a) agalactia kontaġġjuża tan-nagħaġ jew tal-mogħoż (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), fl-aħħar sitt xhur,

(b) paratuberkuloża jew limfadenite ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,

(c) adenomatoża pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin;

▼M5

**PAJJIŻ** **Semen ta' ovini u kaprini - Taqsima A**

| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. **Nru ta' referenza taċ-ċertifikat** | II.b. |
|---|---|---|---|

([1]) *jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]

([1]) *jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fl-aħħar 12-il xahar, u l-annimali infettati kollha ġew maqtula u l-annimali li fadal sussegwentement irreaġixxew b'mod negattiv għal żewġ testijiet imwettqa mill-anqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]

II.3.2. kienu sottoposti għat-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjun tad-demm miġbur matul it-28jum ta' qabel ma nbeda l-perjodu ta' kwarantina speċifikat fil-punt II.3.3. għal:

— bruċelloża (*B. melitensis*), b'riżultat negattiv f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

— epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis*), fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

— il-marda Border skont il-punt 1.4(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3.3. issodisfaw il-perjodu ta' iżolament tal-kwarantina ta' mill-inqas 28 jum f'post tal-kwarantina speċifikament approvat għall-iskop mill-awtorità kompetenti u matul dak il-perjodu:

II.3.3.1. l-annimali biss li mill-anqas kellhom l-istess status tas-saħħa kienu preżenti fil-post tal-kwarantina;

II.3.3.2. l-annimali għaddew mit-testijiet li ġejjin, imwettqa mil-laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur fuq kampjuni meħuda mhux aktar kmieni minn 21 jum wara li l-annimali ġew ammessi fil-post tal-kwarantina, għal:

— bruċelloża (*B. melitensis*), b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

— epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis*), fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

— il-marda Border skont il-punt 1.6 tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.3.4. għaddew mill-inqas darba fis-sena mit-testijiet ta' rutina għal:

— bruċelloża (*B. melitensis*), b'riżultati negattivi f'kull każ f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE;

— epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis*), fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ skont l-Anness D tad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità dokumentata ekwivalenti;

— il-marda Border skont il-punt 5(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.4. Is-semen għall-esportazzjoni nkiseb minn imtaten ([1])/bdabad ([1]) donaturi li:

II.4.1. iddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat bil-permess espliċitu tal-veterinarju taċ-ċentru.

II.4.2. ma kienu juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum tad-dħul fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat u fil-jum meta nġabar is-semen;

([1]) *jew* [II.4.3. ma tlaqqmux kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar ta' qabel il-ġbir tas-semen;]

▼M5

**PAJJIŻ** **Semen ta' ovini u kaprini - Taqsima A**

| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. **Nru ta' referenza taċ-ċertifikat** | II.b. |
|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| (1) *jew* | [II.4.3. | tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir, u 5 % (b'minimu ta' ħames tibniet) ta' kull ġabra ntbagħtu għat-test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda tal-ilsien u dwiefer b'riżultati negattivi;] |
| | II.4.4. | inżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen approvat għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum immedjatament qabel il-ġbir tas-semen, fil-każ tal-ġbir ta' semen frisk; |
| | II.4.5. | ma servewx naturalment wara d-dħul tagħhom fil-post tal-kwarantina deskritt fil-punt II.3.3 u sa u inkluż il-jum tal-ġbir tas-semen; |
| | II.4.6. | inżammu f'ċentri tal-ġbir tas-semen approvati: |
| | II.4.6.1. | li kienu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-anqas tliet xhur qabel il-ġbir tas-semen u 30 jum wara l-ġbir jew, fil-każ tas-semen frisk, sad-data tad-dispaċċ, u li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' 10 kilometri li fiha ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-anqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen; |
| | II.4.6.2. | li kienu ħielsa, matul il-perjodu li jibda 30 jum qabel il-ġbir u jintemm 30 jum wara l-ġbir tas-semen jew, fil-każ tas-semen frisk, sad-data tad-dispaċċ, mill-bruċelloża (*B. melitensis*), epididimite li tittieħed (*Brucella. ovis*), antraċe u rabja; |
| (1) *jew* | [II.4.7. | baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen li jrid jiġi esportat;] |
| (1) *jew* | [II.4.7. | matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen kienu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen li huwa maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-anqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen minn .....(2);] |
| (1) *jew* | [II.4.8. | inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| (1) *jew* | [II.4.8. | inżammu matul perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-ilsien blu f'żona staġjonalment ħielsa għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tas-semen;] |
| (1) *jew* | [II.4.8. | inżammu fi stabbiliment protett mill-portaturi għal mill-inqas 60 jum qabel u waqt il-ġbir tas-semen;] |
| (1) *jew* | [II.4.8. | kienu soġġetti għal test seroloġiku għas-sejbien ta' antikorp għall-grupp tal-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, fuq il-kampjuni tad-demm meħuda mill-anqas kull 60 jum matul il-perjodu kollu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-aħħar ġbir għal din il-kunsinna ta' semen;] |
| (1) *jew* | [II.4.8. | kienu soġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq skont il-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri b'riżultati negattivi fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-ġbir tal-bidu u finali għall-kunsinna tas-semen u mill-anqas kull 7 ijiem (test ta' iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (test PCR) waqt il-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen;] |
| (1) (5) *jew* | [II.4.9. | kienu residenti fil-pajjiż esportatur li skont is-sejbiet uffiċjali jkun ħieles mill-marda emorraġika epiżootika (EHD);] |
| (1) *jew* | [II.4.9. | kienu residenti fil-pajjiż esportatur li skont is-sejbiet uffiċjali, fih jeżistu dawn is-serotipi tal-marda emorraġika epiżootika (EHD): ..... u kienu soġġetti b'riżultati negattivi f'kull każ għal: |
| | (1) *jew* | [test seroloġiku (6) għas-sejbien ta' antikorp għall-grupp tal-EHDV imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda f'żewġ okkażjonijiet mhux aktar minn 12-il xahar 'il bogħod minn xulxin u mhux anqas minn 21 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen.]] |

▼M5

**PAJJIŻ** **Semen ta' ovini u kaprini - Taqsima A**

| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. **Nru ta' referenza taċ-ċertifikat** | II.b. |
|---|---|---|---|

($^1$) *jew* [test seroloġiku ($^6$) għas-sejbien ta' antikorp għall-grupp tal-EHDV imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum matul il-perjodu sħiħ tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen.]]

($^1$) jew [test għall-identifikazzjoni tal-aġent ($^6$) imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u fil-konklużjoni ta', u mill-anqas kull 7 ijiem (test għall-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas 28 jum (test PCR) waqt il-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen.]]

II.4.10. mit-twelid inżammu kontinwament f'pajjiż fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.4.10.1. l-iscrapie klassika trid tiġi notifikata b'mod obbligatorju;

II.4.10.2. hemm fis-seħħ sistema ta' għarfien, sorveljanza u monitoraġġ;

II.4.10.3. l-annimali ovini u kaprini affettwati mill-iscrapie klassika jinqatlu u jiġu meqruda kompletament;

II.4.10.4. it-tagħlif ta' dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun, jew qrieqeċ ta' oriġini ruminanti, kif definiti fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-OIE, lil annimali ovini u kaprini ġie pprojbit u infurzat b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-anqas l-aħħar seba' snin;

($^1$) *jew* [II.4.11. inżammu kontinwament għal perjodu tal-aħħar tliet snin ta' qabel id-data tal-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni, f'azjenda jew azjendi li matul dak il-perjodu ssodisfat/issodisfaw ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-punti 1.3(a) sa (f) tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, ħlief matul il-perjodu meta nżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen li matul dak il-perjodu kien jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-erba' inċiżi tal-punt 1.3(c)(iv) ta' dik is-Sezzjoni;]

($^1$) *jew* [II.4.11. huma annimali ovini tal-ġenotip tal-proteina prion ARR/ARR;]

II.5. Is-semen għall-esportazzjoni:

II.5.1. inġabar wara d-data li fiha ċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.5.2. inġabar, ġie pproċessat, ġie ppreservat, inħażen u ġie trasportat skont ir-rekwiżiti applikabbli għas-semen stipulati fil-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.5.3. intbagħat fil-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat skont ir-rekwiżiti għas-semen li għandu jkun soġġett għall-kummerċ, stabbiliti fil-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u li jkollu n-numru indikat fil-Kaxxa 1.23.

($^1$) *jew* [II.6. L-ebda antibijotiku ma ġie miżjud mas-semen.]

($^1$) *jew* [II.6. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejjin ġew miżjuda sabiex tiġi prodotta konċentrazzjoni fis-semen finali dilwit ta' mhux anqas minn ($^7$):

..... ]

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.6: Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.11: Il-post tal-oriġini għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat li fih inġabar is-semen u elenkat skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animals/semen/ovine_caprine/index_en.htm.

Kaxxa I.22: L-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

▼M5

**PAJJIŻ** **Semen ta' ovini u kaprini - Taqsima A**

| II. | **Informazzjoni dwar is-saħħa** | II.a. | **Nru ta' referenza taċ-ċertifikat** | II.b. |
|---|---|---|---|---|

Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.28: Speċi: agħżel bejn "Ovis aries" jew "Capra hircus" kif meħtieġ.

L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss.

In-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen indikat fil-Kaxxa I.11.

**Parti II:**

([1]) Ħassar kif meħtieġ.

([2]) Pajjiżi terzi biss elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

([3]) It-testijiet għandhom isiru f'konformità mal-Anness C tad-Direttiva 91/68/KEE.

([4]) Għat-territorju biss li jidher mal-entrata "V" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

([5]) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

([6]) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.7. tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u Vaċċini għall-Annimali Terrestri tal-OIE.

([7]) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

— It-timbru u l-firma jridu jkunu b'kulur differenti minn dak tal-istampar.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼B

## Taqsima B

MUDELL 2 – Ċertifikat tas-saħħa għas-semen mibgħut minn ċentru ta' ħażna tas-semen approvat

**PAJJIŻ:** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Tel. | I.2. Numru ta' ċertifikat ta' referenza / I.2.a.<br>I.3. Awtorità Ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinja fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi Postali<br>Tel. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini / Kodiċi ISO / I.8. Reġjun ta' oriġini / Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni / Kodiċi ISO / I.10. Reġjun ta' destinazzjoni / Kodiċi |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br><br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. Post ta' destinazzjoni<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi Postali |
| I.13. Post ta' tagħbija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. Numru/i ta' ċertifikati oriġinali relatati |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)<br>**05 11 99 85**<br>I.20. Kwantità |
| I.21. | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati:<br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | |
| I.26. Għat-transitu fl-UE lejn Pajjiż Terz ☐<br><br>Pajjiż Terz — Kodiċi ISO | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br>Speċi (Isem xjentifiku) — Razza — L-identità tad-donatur — Data tal-ġbir — Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru — Kwantità | |

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen tal-ovini u l-kaprini – Taqsima B**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza | II.b. |
|---|---|---|

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt ta' ....., b'dan niċċertifika li:
*(isem il-pajjiż esportatur) ([2])*

II.1. Iċ-ċentru ([3]) deskritt fil-Kaxxa I.11 li fih inħażen is-semen għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

([1]) *jew* [II.1.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(I)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

*u* II.1.2. jiġi operat u ssorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.]

([1]) *jew* [II.1.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(I)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

*u* II.1.2. jiġi operat u ssorveljat skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu I(II)(2) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE.]

II.2. Is-semen għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea:

II.2.1. inġabar, ġie proċessat u maħżun għal perjodu minimu ta' 30 jum eżatt wara l-ġbir f'ċentru ta' ġbir tas-semen approvat ([4]) operat u ssorveljat skont il-Kapitolu I(I)(1) u l-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE, u

([1]) *jew* [jinsab fil-pajjiż esportatur;]

([1]) *u/jew* [jinsab fi ..... ([5]);

*u* ġie importat lejn il-pajjiż esportatur f'kundizzjonijiet stretti mill-inqas daqs dawk għall-importazzjonijiet tas-semen tal-ovini u l-kaprini fl-Unjoni Ewropea skont id-Direttiva 92/65/KEE;]

II.2.2. twassal saċ-ċentru deskritt fil-Parti I.11 f'kundizzjonijiet mill-inqas stretti daqs dawk fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/472/UE ([6]);

II.2.3. inħażen f'kundizzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.4. intbagħat fil-post ta' tagħbija f'kontenitur issiġillat skont il-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u jkollu fuqu n-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

*Noti*

**Parti I:**

Kaxxa I.11: *pajjiż ta' oriġini* għandu jikkorrispondi għaċ-ċentru ta' ħażna tas-semen approvat tad-dispaċċ tas-semen.

Kaxxa I.17: għandu jikkorrispondi għan-numru tas-serje tad-dokument(i) uffiċjali individwali jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa li akkumpanjaw is-semen deskritt hawn fuq miċ-ċentru ta' ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tiegħu għaċ-ċentru deskritt fil-Kaxxa I.11. L-oriġinal(i) ta' dan/dawn id-dokument(i) jew dan/dawn iċ-ċertifikat(i) jew il-kopji tagħhom iffirmati uffiċjalment iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

Kaxxa I.22: in-numru ta' pakketti għandu jikkorrispondi għan-numru ta' kontenituri.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.28: l-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi għall-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

data tal-ġbir għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj/xx/ssss.

numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi għan-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat li fih inġabar is-semen.

▼B

**PAJJIŻ:** **Semen tal-ovini u l-kaprini – Taqsima B**

| II. Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' ċertifikat ta' referenza | II.b. |
|---|---|---|

**Parti II:**

(1) Ingassa fejn ma japplikax.

(2) Il-pajjiżi terzi biss elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

(3) Iċ-ċentri ta' ġbir jew ħażna tas-semen approvati biss u elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm

(4) Iċ-ċentri ta' ġbir tas-semen approvati biss u elenkati skont l-Artikolu 11(4) u 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajts tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm
http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm

(5) Il-pajjiżi terzi biss elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE u l-Istati Membri tal-UE;

(6) L-oriġinal(i) tad-dokument(i) jew iċ-ċertifikat(i) tas-saħħa jew il-kopji tagħhom iffirmati uffiċjalment li kien/kienu flimkien mas-semen deskritt hawn fuq miċ-ċentru ta' ġbir tas-semen approvat li fih inġabar is-semen għaċ-ċentru ta' ħażna tas-semen approvat tad-dispaċċ tas-semen deskritt fil-Kaxxa I.11 iridu jiġu mehmuża ma' dan iċ-ċertifikat.

Veterinarju uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifiki u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-firma u t-timbru għandhom ikunu b'kulur differenti minn dak tal-kliem stampat.

▼M1

*ANNESS III*

**Lista ta' pajjiżi terzi u partijiet mit-territorji tagħhom li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw il-kunsinni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina**

| Kodiċi ISO | Isem il-pajjiż terz | Rimarki | |
|---|---|---|---|
| | | Deskrizzjoni tat-territorju *(jekk xieraq)* | Garanziji addizzjonali |
| AU | L-Awstralja | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja. |
| CA | Il-Kanada | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja. |
| CH | L-Isvizzera ([1]) | | |
| CL | Iċ-Ċilì | | |
| GL | Greenland | | |
| ▼M2 —— | | | |
| ▼M1 IS | L-Islanda | | |
| NZ | In-New Zealand | | |
| PM | Saint Pierre u Miquelon | | |
| US | L-Istati Uniti | | Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja. |

([1]) Ċertifikati b'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli kif approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom.

▼B

*ANNESS IV*

PARTI 1

**Noti ta' spjegazzjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni**

(a) Iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jinħarġu mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur, skont il-mudell stipulat fil-Parti 2 tal-Anness IV.

Jekk l-Istat Membru destinatarju jitlob rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni addizzjonali, l-attestazzjonijiet li jiċċertifikaw li dawk ir-rekwiżiti huma sodisfatti għandhom jiġu inkorporati wkoll fil-formola oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa.

(b) L-oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun magħmul minn folja waħda, jew, fejn huwa meħtieġ aktar test, għandu jkun f'tali forma li l-folji kollha meħtieġa jiffurmaw ċertifikat sħiħ integrat li ma jkunx diviżibbli.

(c) Fejn il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa jgħid li ċerti dikjarazzjonijiet għandhom jinżammu kif xieraq, dikjarazzjonijiet li ma jkunux rilevanti, jistgħu jinqatgħu u jitniżżlu l-inizjali u t-timbru mill-uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni, jew jitħassru kompletament miċ-ċertifikat.

(d) Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitħejja f'mill-inqas waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tal-istazzjon ta' spezzjoni tal-fruntiera ta' introduzzjoni tal-kunsinja fl-Unjoni Ewropea u tal-Istat Membru ta' destinazzjoni. Madanakollu, dawk l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw li ċ-ċertifikat jitħejja bil-lingwa uffiċjali ta' Stat Membru ieħor u jekk meħtieġ ikun akkumpanjat minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk għal raġunijiet ta' identifikazzjoni tal-oġġetti tal-kunsinja (skeda fil-Kaxxa I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa), jiġu mehmuża folji addizzjonali maċ-ċertifikat tas-saħħa, dawn il-folji għandhom jitqiesu wkoll bħala li jiffurmaw parti miċ-ċertifikat oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-uffiċjal li jiċċertifika, fuq kull paġna.

(f) Meta ċ-ċertifikat tas-saħħa, inklużi l-iskedi addizzjonali msemmija f'(e), ikun fih aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun innumerata (numru tal-paġna) ta' (numru totali ta' paġni), fil-qiegħ tal-paġna u għandu jkollu n-numru ta' ċertifikat ta' referenza li ngħata mill-awtorità kompetenti fuq nett tal-paġni.

(g) Il-verżjoni oriġinali taċ-ċertifikat tas-saħħa għandha timtela u tiġi ffirmata minn veterinarju uffiċjali fl-aħħar jum tax-xogħol qabel issir it-tagħbija tal-kunsinja għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz esportatur għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE ([1]) jiġu segwiti.

Il-lewn tal-firma u tat-timbru tal-veterinarju uffiċjali għandu jkun differenti minn dak tat-tipa stampata fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa. L-istess regola tapplika għat-timbri minbarra dawk ibbuzzati jew bil-marka tal-ilma.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat tas-saħħa jrid jakkumpanja l-kunsinja sakemm tasal fl-istazzjon ta' spezzjoni fil-fruntiera ta' introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea.

(i) In-numru ta' ċertifikat ta' referenza msemmi fil-Kaxxa I.2 u l-Kaxxa II.a il-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz esportatur.

([1]) ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

▼M4

PARTI 2

**Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina**

**PAJJIŻ:** **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta**

| | | | |
|---|---|---|---|
| I.1. Speditur<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Nru tat-Tel. | | I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a. |
| | | I.3. Awtorità kompetenti ċentrali | |
| | | I.4. Awtorità kompetenti lokali | |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-Tel. | | I.6. Persuna responsabbli għat-tagħbija fl-UE<br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali<br>Nru tat-Tel. | |
| I.7. Pajjiż tal-oriġini / Kodiċi ISO | I.8. Reġjun tal-oriġini / Kodiċi | I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni / Kodiċi ISO | I.10. Reġjun tad-destinazzjoni / Kodiċi |
| I.11. Post tal-oriġini<br><br>Isem / Numru tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem / Numru tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Isem / Numru tal-Approvazzjoni<br>Indirizz | | I.12. Post tad-destinazzjoni<br><br>Isem<br>Indirizz<br><br>Kodiċi postali | |
| I.13. Post tat-tagħbija | | I.14. Data tat-tluq | |
| I.15. Mezz tat-trasport<br><br>Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐<br>Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni<br>Referenzi dokumentarji | | I.16. Il-BIP tad-dħul fl-UE | |
| | | I.17. | |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | | I.19. Il-kodiċi tal-prodott (kodiċi CN)<br>**05 11 99 85** | |
| | | | I.20. Kwantità |
| I.21. | | | I.22. Għadd ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-Siġill/tal-Kontenitur | | | I.24. |
| I.25. Prodotti ċċertifikati għal:<br><br>Riproduzzjoni artifiċjali ☐ | | | |
| I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐<br><br>Pajjiż terz Kodiċi ISO | | I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐ | |
| I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti<br><br>Speċi Kategorija L-identità tad-donatur Id-data tal-ġbir Id-data tal-iffriżar In-numru tal-approvazzjoni tat-tim<br>Kwantità<br>(Isem xjentifiku) | | | |

▼M4

**PAJJIŻ** **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

| II. | Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. | Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|---|

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat, b'dan qed niċċertifika li:

II.1. Il-pajjiż esportatur .....

(*isem il-pajjiż esportatur*) ([2])

II.1.1. kien ħieles mill-pesta bovina, il-peste des petits ruminants, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-plewropnewmonja tal-kaprini li tittieħed u d-deni ta' Rift Valley matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq tagħhom lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;

([1]) *jew* [II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) u ma sar l-ebda tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu;]

([1]) *jew* [II.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) u/jew sar tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu u d-donaturi femminili ġew minn stabbilimenti fejn l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel, u mill-inqas it-30 jum ta' wara l-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) u l-ova ([1])/embrijuni ([1]) ma kinux suġġetti għall-penetrazzjoni fiż-żona pellucida;]

II.2. L-ova ([1])/embrijuni ([1]) għall-esportazzjoni:

II.2.1. inġabru ([1])/ġew prodotti ([1]) u pproċessati fi stabbilimenti b'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-istomatite vesikulari, id-deni ta' Rift Valley fit-30 jum immedjatament qabel il-ġbir tagħhom;

II.2.2. inħażnu f'kull ħin fi stabbilimenti approvati b'raġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-istomatite vesikulari jew id-deni ta' Rift Valley minn meta nġabru sa 30 jum wara;

II.2.3. inġabru ([1])/ġew prodotti ([1]) mit-tim deskritt fil-Kaxxa I.11., li ġie approvat u sorveljat b'konformità mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u s-superviżjoni ta' gruppi tal-ġbir tal-embrijuni u gruppi tal-produzzjoni tal-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu I(III) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.4. jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.5. ġejjin mid-donaturi femminili tal-ispeċi ovina ([1])/kaprina ([1]) li:

([1]) *jew* [II.2.5.1. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-ilsien blu għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]);]

([1]) *jew* [II.2.5.1. inżammu matul perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-ilsien blu f'żona staġjonalment ħielsa;]

([1]) *jew* [II.2.5.1. inżammu protetti mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]);]

([1]) *jew* [II.2.5.1. għaddew minn test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi għall-grupp tal-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) u b'riżultati negattivi;]

([1]) *jew* [II.2.5.1. għaddew minn test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-ilsien blu, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri fuq kampjun tad-demm meħud dakinhar tal-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) jew fil-jum tat-tbiċċir u b'riżultati negattivi;]

II.2.5.2. fl-aħjar għarfien tiegħi, mhumiex ġejjin minn stabbilimenti u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' stabbiliment fejn, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mard li ġejjin kienet klinikament ikkonfermata fil-perjodi msemmija fil-punti (a) sa (d) qabel il-ġabra tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) għall-esportazzjonied:

(a) agalaktja tan-nagħaġ jew tal-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), matul l-aħħar sitt xhur;

(b) paratuberkoloži u limfadeniti ġobnija, fi żmien l-aħħar 12-il xahar;

▼M4

**PAJJIŻ** **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

| II. | Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

(c) l-adenomatożi pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin;

([1]) *jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]

([1]) *jew* [(d) Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, fi żmien l-aħħar 12-il xahar, l-annimali infettati kollha nqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet mill-inqas sitt xhur 'il bogħod minn xulxin;]

II.2.5.3. ma wrew ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum tal-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]);

([1])([4]) *jew* [II.2.5.4. oġinaw mir-reġjun deskritt fil-Kaxxa I.8., li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża (*B. melitensis*) u]

([1]) *jew* [II.2.5.4. jappartjenu lil stabbiliment li kisbet u żammet l-istat tagħha ta' ħielsa mill-bruċelloża *(B. melitensis)* skont id-Direttiva 91/68/KEE, u]

([1]) *jew* [II.2.5.4. oriġinaw minn stabbilimenti, fejn fir-rigward tal-bruċelloża *(B. melitensis)* l-annimali suxxettibbli kollha kienu ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimali ovini u kaprini ma tlaqqmu kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha b'età akbar minn sitt xhur ġew suġġetti għal mill-inqas żewġ testijiet ([3]), li saru b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda fil- ..... (*data*) u fil- ..... (*data*) b'mill-inqas sitt xhur bejniethom, tal-aħħar tkun fi żmien 30 jum qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]),]

*kif ukoll* ma kinux inżammu preċedentement fi stabbiliment ta' status inferjuri;

([1]) *jew* [II.2.5.5. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) għall-esportazzjoni;]

([1]) *jew* [II.2.5.5. matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) dawn issodisfaw il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi tal-ova/embrijuni ([1]) maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-ova ([1])/embrijuni ([1]) minn ..... ([2]);]

II.2.5.6. mit-twelid inżammu kontinwament fil-pajjiż fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

II.2.5.6.1. l-iscrapie klassika hija notifikabbli b'mod obbligatorju;

II.2.5.6.2. hemm fis-seħħ sistema ta' sensibilizzazzjoni, sorveljanza u monitoraġġ;

II.2.5.6.3. l-annimali ovini u kaprini milquta minn scrapie klassika jinqatlu u jinqerdu kompletament;

II.2.5.6.4. l-għalf lill-annimali ovini u kaprini ta' laħam u għadam imfarrak jew ta' qrieqeċ li joriġinaw minn ruminanti huwa pprojbit u l-projbizzjoni hija infurzata b'mod effettiv fil-pajjiż kollu għal perjodu ta' mill-inqas l-aħħar seba' snin;

([1]) *jew* [II.2.5.7. inżammu kontinwament għall-aħħar tliet snin qabel il-ġbir tal-embrijuni għall-esportazzjoni fi stabbiliment jew stabbilimenti li għal tliet snin qabel il-ġbir tal-embrijuni għall-esportazzjoni ssodisfaw l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tal-Punt 1.3. tat-Taqsima A tal-Kapitolu A tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]

([1]) *jew* [II.2.5.7. huma annimali ovini u embrijuni

([1]) *jew* [huma ta' ġenotip tal-proteina prijonika ARR/ARR;]]

([1]) *jew* [għandhom għalinqas allel ARR waħda u nġabru wara l-1 ta' Jannar 2015;]]

[II.2.6. inġabru ([1])/ġew prodotti ([1]) fil-pajjiż esportatur,

([1]) *jew* [II.2.6.1. li skont is-sejbiet uffiċjali huma ħielsa minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD);]]

([1])([5]) *jew* [II.2.6.1. fejn, skont sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD) : ..... u d-donaturi femminili ta' speċi ovina ([1])/kaprina ([1]) kienu suġġetti għal riżultati negattivi għal kull każ għat-testijiet mwettqa li ġejjin f'laboratorji approvati:

([1]) *jew* [test seroloġiku ([6]) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serogrupp tal-vajrus tal-EHD, imwettaq fuq kampjuni tad-demm meħudin f'żewġ okkażjonijiet, mhux aktar minn 12-il xahar qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġabra għal din il-kunsinna ta' ova ([1])/embrijuni ([1]);]]

([1]) *jew* [test seroloġiku ([6]) biex jiġi identifikat l-antikorp għas-serogrupp tal-vajrus tal-EHD, imwettaq fuq kampjuni tad-demm meħudin f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum tul il-perjodu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' ova ([1])/embrijuni ([1]);]]

▼M4

**PAJJIŻ** **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

| II. | Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. | Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|---|

([1]) *jew* [test għall-identifikazzjoni tal-aġent ([6]), imwettaq fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u t-tmiem ta', u mill-anqas kull sebat ijiem (jekk imwettaq bħala test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (jekk imwettaq bħala reazzjoni katina tal-polimeraża), tul il-ġbir għal din il-kunsinna ta' ova ([1])/embrijuni ([1]);]]

II.2.7. inġabru ([1])/ġew prodotti ([1]) wara d-data ta' meta t-tim tal-ġbir tal-embrijuni ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;

II.2.8. ġew ipproċessati u maħżuna skont kundizzjonijiet approvati għal mill-anqas 30 jum immedjatament wara l-ġbir ([1])/produzzjoni ([1]) tagħhom u ttrasportati skont kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.9. intbagħtu lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat b'konformità mar-rekwiżiti għat-trasport tal-embrijuni stipulati fil-punt 6 tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D tad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.

([1]) [II.2.10. il-kunsinna tikkonsisti f'embrijuni tal-ispeċi ovina jew kaprina li tnisslu bl-inseminazzjoni artifiċjali ([1])/permezz ta' fertilizzazzjoni *in vitro* ([1]) bl-użu ta' semen li ġejja minn ċentri tal-ġbir tas-semen approvati ([7]) skont:

([1]) *jew* [II.2.10.1. l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; u s-semen huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE.]]

([1]) *jew* [II.2.10.1. l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu f'pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE, u s-semen jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.]]

**Noti**

**Parti I:**

Kaxxa I.6: *Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE:* din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal prodott fi tranżitu.

Kaxxa I.11: *Il-post tal-oriġini* għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni nġabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

Kaxxa I.22: L-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23: L-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.27: Imla skont jekk iċ-ċertifikat ikunx wieħed ta' tranżitu jew ta' importazzjoni.

Kaxxa I.28: *Speċi*: Agħżel fost '*Ovis aries*' jew '*Capra hircus*' kif xieraq.

*Kategorija*: speċifika jekk humiex embrijuni derivati *in vivo*, ova derivati *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

*L-identità tad-donatur* għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

*Id-data tal-ġbir* għandha tiġi indikata għal embrijuni derivati in vivo u f'dan il-format: jj.xx.ssss.

*Id-data tal-iffriżar* għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss.

*In-numru tal-approvazzjoni tat-tim:* għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni nġabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati skont l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

**Parti II:**

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Pajjiżi terzi biss jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

▼M4

**PAJJIŻ** **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

| II. | Tagħrif dwar is-saħħa | II.a. | Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|---|

([3]) It-testijiet għandhom isiru b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE.

([4]) Għat-territorju li jidher mal-annotazzjoni "V" biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

([5]) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat jew parti minnu fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

([6]) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3. tal-Manwal tal-OIE dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

([7]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati biss u elenkati b'konformità mal-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajts tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm;
http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

— Il-firma u t-timbru għandhom ikunu ta' kulur differenti minn dak tal-istampar.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru: